

31998R0779

15.4.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 113/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 779/98**tas-7 ta' April 1998****fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li ġejjin mit-Turkija, li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 4115/86 u jemenda r-Regolament (KE) Nru 3010/95**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni;

Billi d-Deċiżjoni Nru 1/98 ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 fuq ir-reġim tan-negozju għall-prodotti agrikoli jistab bilixxi s-sistema ta' preferenzi li jgħoddu fir-rigward ta' importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li ġejjin mit-Turkija; billi jrid ikun hemm provvedimenti ħalli l-Kummissjoni tkun tista' tadotta regoli dettaljati speċjali għat-tħaddim ta' dak ir-reġim ġdid ta' importazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1981/94 tal-25 ta' Lulju 1994 li jiftaħ u jagħti lok għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti li ġejjin mill-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, Malta, l-Marokk, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, t-Tuneżija u t-Turkija, u jistipula regoli dettaljati biex ikunu estiżi u adottati dawn il-kwoti tat-tariffi ⁽¹⁾;

Billi, fil-każ ta' prodotti li għalihom ir-regolamenti tal-Komunità jeħtieġu li ċertu prezz ta' importazzjoni jkun miżmum, it-tħaddin tas-sistema ta' tariffi preferenzjali hija soġġetta għall-osservanza ta' dak il-prezz;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 4115/86 ⁽²⁾ jstabbilixxi l-arranġamenti li jgħoddu għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli ġejjin mit-Turkija skond id-Deċiżjoni Nru 1/80 ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill KE-Turkija; billi l-provvedimenti fuq l-agrikoltura ta' dik id-Deċiżjoni kienu mħassra mid-Deċiżjoni Nru 1/98 ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill KE-Turkija; billi, minħabba f'hekk, ir-Regolament (KEE) Nru 4115/86 għandu jit-ħassar;

Billi t-tħollija tat-tariffi għat-tliet prodotti li ġejjin mit-Turkija msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3010/95 tat-18 ta'

Diċembru 1995 issospenda totalment jew parzjalment id-dazji tad-dwana li jgħoddu għal ċerti prodotti li huma skond il-Kapitolu 1 sa 24 u Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħqda li oriġinat f'Malta u fit-Turkija ⁽³⁾, għandha titneħħa wkoll;

Billi d-Deċiżjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill tgħodd mill-1 ta' Jannar 1998; billi, minħabba l-urġenza tal-każ, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-każ tal-prodotti msemmija fl-Anness II tat-Trattat tal-KE li oriġina fit-Turkija u ta lok għall-importazzjoni fil-Komunità skond il-kundizzjonijiet imsemmija fid-Deċiżjoni Nru 1/98 ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill KE-Turkija, iridu jkunu addottati regoli dettaljati għat-tħaddin tar-reġim ta' l-importazzjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 1966 fuq li tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u xaħmijiet ⁽⁴⁾ jew, fejn jgħodd, fl-Artikolu korrispondenti tar-regolamenti l-oħra ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 1981/94.

Artikolu 2

Fil-każ ta' prodotti li għalihom ir-regolamenti tal-Komunità jeħtieġu li ċertu prezz ta' importazzjoni jkun miżmum, it-tħaddin tas-sistema ta' tariffi preferenzjali hija soġġetta għall-ħarsien ta' dak il-prezz;

⁽¹⁾ ĠU L 199, tat-2.8.1994, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1667/97 (ĠU L 236, tas-27.8.1997, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 380, tal-31.12.1986, p. 16. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1620/97 (ĠU L 224, ta' l-14.8.1997, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 314, tat-28.12.1995, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 540/96 (ĠU L 79, tad-29.3.1996, p. 8).

⁽⁴⁾ ĠU C 172, tat-30.9.1996, p. 3025/66. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1581/96 (ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 11).

Fil-każ ta' prodotti tas-sajd li għalihom ġie stabbilit prezz ta' riferenza, it-tħaddin tat-tariffa preferenzjali għandha tkun soġġetta għall-ħarsien ta' dak il-prezz.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 4115/86 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 3010/95 huwa hawnhekk emendat skond li ġej:

1. it-Titolu għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3010/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 issospenda totalment jew parzjalment it-taxxa tad-dwana fuq ċerti prodotti li huma skond il-Kapitoli 1 sa 24 tan-Nomenklatura Magħquda li oriġinat f' Malta”.

2. L-L-Artikoli 1 u 2 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

“L-Artikolu 1

L-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti ġejjin minn Malta msemija fl-Anness għal dan ir-Biex jitħaddan dan

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 t'April 1998.

ir-Regolament, ir-regoli ta' l-oriġini għandhom ikunu dawk li jkunu qegħdin Regolament għandha tkun soġġetta għad-dazju tad-dwana indikat għal kull prodott.

Artikolu 2

Biex jitħaddan dan ir-Regolament, ir-regoli ta' l'oriġini għandhom ikunu dawk li jkunu qegħdin jintużaw f'xi żmien stabbilit għall-iskop tal-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u Malta.”

3. L-L-Anness I li fih il-lista tal-prodotti li huma skond l-Kapitoli 1 sa 24 li ġejjin minn Malta għandu jkun imsemmi “L-Anness”.

4. L-L-Anness II li fih il-lista ta' prodotti li huma skond il-Kapitoli 1 sa 24 li ġejjin mit-Turkija għandu jkun imħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

F'isem il-Kunsill

Il-President

D. BLUNKETT